**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Lydon Zammit)**

**-vs-**

**Sharonia Friggieri, bint Julian u Priscilla xebba Vella , imwielda l-Pieta' nhar it-24 ta' Diċembru 2003, residenti BLK B, Flat 9, Triq Alexander, Ħamrun u detentriċi tal-karta tal-identità numru 457703L, u**

**Larkin Żammit, iben Paul u Charmain Żammit xebba' Żahra , imwieled il-Pieta' nhar is-16 t'Awwissu 2000, residenti ġewwa l-fond bin-numru 21, Charpaul, Triq Nerik Sacco, Marsa u detentur tal-karta tal-identità numru 300200L.**

*Kumpilazzjoni Nru. 709/22*

Illum, 18 t'April, 2023,

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputati **Sharonia Friggieri** u **Larkin Żammit** u ċioe talli:

Lil Sharonia Friggieri talli:

1. Bejn it-28 ta'Ġunju 2022 u l-20 t'Awwissu 2022, b'diversi atti magħmulin minnha, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Liġi u ġew magħmula b' riżoluzzjoni waħda, minn ġewwa l-uffiċini tal-kumpanija GO plc ġewwa Triq Fra Diegu, Marsa ikkommettit serq ta' diversi mobiles u apparat elettroniku ikkwalifikat bil-valur li jeċċedi l-elfejn tlett mija u disa' w għoxrin Euro u sebgħa w tletin ċenteżmu (€2329.37) u bil-persuna u

li sar għad-dannu tal-Kumpanija GO plc u/jew ta' xi persuna/i oħra u/jew entitajiet oħra.

Lil Larkin Żammit talli:

1. Talli bejn it-28 ta'Ġunju 2022 u l-20 t'Awwissu 2022, b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żmijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Liġi u ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, f'diversi nħawi f'dawn il-Gżejjer, xjentement laqa' għamdu jew xtara ħwejjeġ misruqa u ċioe' mobile phones li l-valur tagħhom jeċċedi l-elfejn tlett mija u disgħa w għoxrin Euro u sebgħa w tletin ċenteżmu (€2329.37), meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew xjentement b'kull mod li jkunu, indaħlu biex ibiegħu jew imexxu dawn l-oġġetti.

Rat li waqt l-udjenza miżmuma nhar it-13 ta' Frar 2023, l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħhom.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 392A tal-Kodiċi Kriminali w ċioe wara li l-imputat wieġbu li huma ħatja għall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tagħhom, din il-Qorti wissiethom b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba w huma ngħataw żmien xieraq sabiex jekk iridu jerġaw lura minnha u dan billi jikkonsultaw mal-legali tagħhom.

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ammettew l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tagħhom, u għaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja w inkondizjonata tagħhom, il-Qorti tiddikjara li m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-imputati ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tagħhom kif minnhom ammessi.

**Il-Piena**

Dwar il-piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni ferm bikrija tal-imputati, tal-fatt li wrew kooperazzjoni mal-awtoritajiet investigattivi, tal-fedina penali netta tagħhom u taċ-ċirkostanzi l-oħra tal-każ u senjatament tar-

rapport tal-*Probation Officer*. Ittieħed konsiderazzjoni wkoll li parti mir-*res furtiva* ġiet ritornata lid-derubat.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti,

(i) fil-konfront ta' **Sharonia Friggieri** wara li rat l-artikoli 17, 18, 31, 261(c)(d), 267, 268(a) u 280(1) tal-Kodiċi Kriminali, issib l-imputata ħatja tal-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tagħha, u bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tpoġġih taħt ordni ta' probation għal sentejn (2) millum li qed jiġi anness ma din is-sentenza; u

(ii) fil-konfront ta' **Larkin Zammit** wara li rat l-artikoli 17, 18, 31, 261(c)(d), 267, 268(a), 280(1) u 334(a) tal-Kodiċi Kriminali, issib l-imputat ħati tal-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu w bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tpoġġih taħt ordni ta' probation għal tlett (3) snin millum li qed jiġi anness ma din is-sentenza.

Inoltre ai termini tal-artikolu 532A tal-Kodiċi Kriminali moqri flimkien mal-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lill-ħatja jħallsu bejniethom l-ammont ta' **elf ħames mija tmienja u disgħin euro (€1,598)** rappreżentanti kumpens għar-*res furtiva* (iPhone 12 li jiswa €849 u Samsung s22 €749) li baqgħet ma ġietx ritornata lis-soċjetà derubata u dan fi żmien sentejn m'Illum b'rati mensili.

A tenur tal-artikolu 412D tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, qegħda tpoġġi lil Larkin Zammit ħati taħt Ordni ta' Trattament għal żmien tlett (3) snin sabiex jingħata l-għajnuna meħtieġa għall-*anger management* kif ukoll kwalunkwe trattament psikoloġiku sabiex jegħleb il-vizzju tad-droga. Dan l-ordni qed jiġi anness ma din is-sentenza.

Il-Qorti spjegat lill-ħatja l-konsegwenzi jekk jikkommettu reat ieħor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza kif ukoll jekk ma jsegwux id-direttivi li se jingħatawlhom fil-perjodu ta' superviżjoni jew fil-kors tal-ordni ta' trattament skond il-każ.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza għandha tintbagħat lid-Direttur tal-Probation u Parole skond il-liġi.

Ai termini tal-artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' dawn l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Maġistrat**